MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2574/2000/1

**Citaz Nru: 2574/00 JA.**

**Lawrence Camilleri.**

**-vs-**

**Glenn Grima.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Decembru, 2000 li permezz taghha ppremetta:

Illi fis-27 ta' Settembru tas-sena 2000, fi Vjal Dicembru 13, fil-Marsa, il-konvenut Glenn Grima waqt li kien qed jsuq il-vettura

tieghu Peugeot, numru ta' registrazzjoni GLN 501, dahal fil-vettura tal-attur 'Isuzu Gemini' JAU 836.

Illi l-incident kien sehh tort u htija tal-konvenut Grima, minhabba sewqan eccessiv traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, meta waqt li l-attur kellu jieqaf quddiem 'zebra crossing', fl-istess vjal, il-konvenut baqa' diehel fuqu w ikkaqzalu danni ngenti, fil-vettura tieghu li wasslu ghat-telfien totali tal-istess vettura minhabba d-danni kkawzati.

Illi l-konvenut kien gie nterpellat jhallas d-danni sofferti mill-attur, u l-Insurance tieghu kienu gew debitament notifikati, pero it-tnejn kienu baqghu inadempjenti fil-hlas mitlub mill-attur in pagament tad-danni minnu sofferti.

Illi l-konvenut u l-Insurance tieghu 'FOGG Insurance Agency' naqsu li jhallsu lill-attur valur rejali w gust lill-attur ghat-telfien tal-vettura tieghu, likwidabbli f' ammont ta' mhux aktar minn elfejn lira maltin (Lm2000), minkejja l-provi migjuba mill-attur in sostenn tat-talba tieghu.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Settembru 2000, kif premess;

2. Tillikwida d-danni soferti mill-attur fl-istess incident okkorrendo permess ta' Periti nominandi; u

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta'

Novembru u dik Ufficjali tal-14 ta' Novembru 2000, u l-imghaxijiet skond il-ligi, kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa fis-7 ta' Dicembru, 2000 u l-list tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fid-9 ta' Frar, 2001 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fil-waqt li huwa minnu illi l-incident imsemmi fic-citazzjoni gara tort tal-esponenti, il-pre-accident value tal-vettura tal-attur mhux dik li qed jippretendi l-attur izda somma ferm inqas li ghandha tigi illikwidata minn din l-Onorabbli Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

2. Illi minkejja li s-socjeta' assikuratrici tal-esponent accettat li thallas il-pre-accident value tal-vettura tal-attur, dan irrifjuta li jaccetta s-somma offerta billi baqa' jinsisti li l-vettura tieghu li ghandha il fuq minn ghoxrin sena kienet tiswa mhux inqas minn elf u tmien mitt lira (Lm1800) meta l-valur reali tal-istess vettura huwa inqas minn terz ta' dak l-ammont. Ghalhekk f' kaz li ma jigix ipprovat li l-vettura tal-attur tiswa dak li qed jippretendi l-istess attur, il-konvenut m' ghandux ibghati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali inkluz ir-rapport tal-espert tekniku is-Sur Joseph Zammit.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ammetta li l-incident in kwistjoni gara b' tort tieghu izda kkontesta l-valur tal-attur illi kienet giet distrutta *beyond economic repair* kagun tal-incident.

In effetti fit-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut sostna li l-vettura ma kienitx tiswa elf u tmin mitt Lira Maltin (Lm1800) kif ippretenda l-attur qabel il-kawza izda inqas minn terz ta' dan l-ammont.

Ghalhekk il-kwistjoni hija dwar id-danni pagabbli lill-attur u ezattament il-valur reali tal-karozza tal-attur li giet dannegjata permezz tal-incident.

Il-Qorti hatret bhala espert fil-materja lis-Sur Joseph Zammit illi if-relazzjoni guramentata tieghu wasal ghall-konkluzzjoni illi in effetti l-valur tal-vettura in kwistjoni kien ta' elf u tmin mitt Lira Maltin Lm1800 (a fol 39 tal-Process). Ikkonkluda ukoll illi l-partijiet li baqghu intatti wara l-incident jiswew mitejn lira Maltin Lm200 (a fol 39 u 40).

Il-Qorti ma' tarax ghaliex ghandha tiddubita dwar il-korrettezza tal-konkluzjonijiet tal-espert nominat minnha u ghalhekk tikkonkludi li l-attur ghandu jigi imhallas is-somma ta' elf u sitt mitt lira (Lm1600) u cioe il-valur tal-vettura nieqes ir-*wreck value*.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante l-ammissjoni tieghu u tillikwida d-danni kagunati minnu lill-attur ghas-somma ta' elf u sitt mija (Lm1600), u tikkundanna lill-konvenut**

**ihallas lill-attur is-somma imsemmija ta' elf u sitt mija Ilm1600), bl-ispejjes jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------